**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Nru: 1191/2021**

***S.C. HOLDINGS LIMITED***

***VS.***

***REĠISTRATUR TAL-QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI, AQUILINA PROPERTIES LIMITED, L-AVUKAT DOTTOR MASSIMO VELLA, L-AVUKAT RODERICK ZAMMIT PACE U L-AVUKAT SHARON PACE GOUDER***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar azzjoni mibdija mill-kumpannija S.C. Holdings Limited taħt l-**artikolu 64** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jiġi ordnat jaħdem u joħroġ taxxa addizzjonali ġdida dwar l-ispejjeż ġudizzjarji tal-appell ***Aquilina Properties Limited v. S.C. Holdings Limited (Rikors Maħluf Numru 684/2009JZM)***, li skont deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell kellha titħallas żejjed minħabba li l-appell instab li kien wieħed fieragħ;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**3 ta' Diċembru, 2021**, il-kumpannija rikorrenti fissret li hija kienet ċediet appell minn sentenza mogħtija fil-kawża ***Aquilina Properties***

***Limited v. S.C. Holdings Limited (Rikors Maħluf Numru 684/2009)***;

3. Hija tgħid li dakinhar stess li ċediet l-appell, hija kienet ressqet rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex is-sentenza tagħha tiġi mwettqa, iżda dan ir-rikors ġie miċħud minħabba li l-parti l-oħra kienet għażlet li tirrinunzja għall-effetti tas-sentenza. Il-kumpannija rikorrenti tgħid li hija kienet appellat minn din l-aħħar deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iżda dan l-appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell, bi spejjeż doppji;

4. Il-kumpannija rikorrenti tkompli tfisser li fit-3 ta' Novembru, 2021 hija ġiet notifikata b'ittra uffiċjali biex tħallas l-ispejjeż tal-kawża skont it-taxxa maħruġa mir-Reġistatur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fil-25 ta' Awwissu, 2021. Skont din it-taxxa, il-kumpannija S.C. Holdings Limited kellha tħallas spejjeż għal darbtejn mhux biss fuq it-tieni appell iżda anke fuq l-ewwel appell li kien ġie ċedut;

5. Peress li skont il-kumpannija rikorrenti hija ġiet ikkundannata biex tħallas spejjeż doppji fuq it-tieni appell biss, hija fetħet din il-kawża biex ma tħallasx ukoll spejjeż doppji dwar l-ewwel appell tagħha li kien ġie ċedut;

6. Hija trid għalhekk li t-taxxa addizzjonali, minħabba l-kundanna ta' spejjeż doppji ordnata mill-Qorti tal-Appell, tkun biss fis-somma ta' €519.59 u mhux fis-somma ta' €7,616.53. Għalhekk hija fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara t-taxxa addizzjonali ta' drittijiet u spejjeż li saru fl-appell fl-ismijiet 'Aquilina Properties Limited vs. S.C. Holdings Limited', Rikors Numru 684/2009, datata 25 t'Awwissu 2021, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A2, bħala erroneja u mhux skont il-liġi u għalhekk nulla u invalida, inkluż fejn stabbiliet l-ispejjeż doppji ai termini tal-Art 223(4) tal-Kap 12;*
>
> *2. Tordna t-tħassir tal-istess taxxa;*
>
> *3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex joħroġ taxxa ġdida addizzjonali għad-doppie spese skont kif ordnati bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 29 t'April 2021, maħduma fuq dak il-valur li*

*skont din l-Onorabbli Qorti għandu japplika għall-fini tal-intaxxar ta' dik l-istess kawża;*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni»*

7. L-intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġie notifikat b'dan ir-rikors fis-17 ta' Diċembru, 2021 (ara paġna 14 tal-atti tal-kawża) u ddeċieda li ma jdaħħalx tweġiba;

8. Mill-banda l-oħra, l-erba' intimati l-oħra daħlu risposta waħda fis-**27 ta' Diċembru, 2021** u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi s-soċjetà rikorrenti għandha tipprova li istitwiet din il-proċedura entro t-terminu dekadenzjali applikabbli għall-azzjoni ta' ritassa;*

*2. Mill-bqija l-esponenti jirrimettu rwieħhom għal dak li tista' tiddeċiedi din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba tas-soċjetà rikorrenti, b'dana li l-esponenti m'għandhomx jeħlu spejjeż ta' din il-proċedura in kwantu kwalsijasi eventwali żball fit-taxxa maħruġa ma jista' qatt jiġi addebitat lilhom;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. L-istadju tal-ġbir tal-provi ngħalaq fil-11 ta' Lulju, 2022. Dakinhar stess saret it-trattazzjoni finali mill-avukati tal-partijiet kollha, ħlief tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li ma deher ħadd għalih, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza sabiex tingħata llum;

***Fatti***

10. Fil-15 ta' April, 2014, il-kumpannija S.C. Holdings Limited ippreżentat rikors tal-appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Marzu, 2014, fil-kawża ***Aquilina Properties Limited v. S.C. Holdings Limited (Rik. Nru. 684/09JZM)*** (ara paġni 34 sa 39 tal-atti tal-kawża);

11. Dan l-appell ġie ċedut minn S.C. Holdings Limited bis-saħħa ta’ nota mressqa fil-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Ottubru, 2019 (ara paġna 95 tal-atti tal-kawża);

12. Ukoll fil-15 ta’ Ottubru, 2019, il-kumpannija S.C. Holdings Limited ressqet rikors quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-kawża 684/09JZM, li permezz tiegħu talbet biex is-sentenza mogħtija fis-27 ta’ Marzu, 2014 tingħata eżekuzzjoni;

13. B’nota mressqa fit-12 ta’ Novembru, 2019, il-kumpannija Aquilina Properties Limited iżda ddikjarat li għalkemm hija kienet kisbet din is-sentenza favuriha, hija kienet qiegħda tirrinunzja għall-effetti ta’ dik is-sentenza (ara paġna 30 tal-atti tal-kawża). Minħabba din id-dikjarazzjoni l-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tat provvediment fis-27 ta’ Jannar, 2020, li permezz tiegħu ċaħdet ir-rikors ta’ S.C. Holdings Limited;

14. Il-kumpannija S.C. Holdings Limited appellat minn dan il-provvediment tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta’ Frar, 2020 (ara paġni 98 sa 104 tal-atti tal-kawża), iżda dan l-appell ġie miċħud b’deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ April, 2021 (ara paġni 119 sa 121 tal-atti tal-kawża);

15. Billi l-Qorti tal-Appell qieset dan l-appell bħala wieħed fieragħ, hija ordnat bit-tħaddim tal-**artikolu 223(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** biex S.C. Holdings Limited tħallas l-ispejjeż ta’ dan l-appell għal darbtejn;

16. Fis-27 ta’ Ottubru, 2021, Aquilina Properties Limited bagħtet ittra uffiċjali lill-kumpannija S.C. Holdings Limited sabiex hija tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mal-proċeduri kollha tal-kawża ***Aquilina Properties Limited v. S.C. Holdings Limited (Rik. Nru. 684/09JZM)***. Din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lil S.C. Holdings Limited fit-3 ta’ Novembru, 2021(ara paġna 25 tal-atti tal-kawża);

17. Mehmuża ma’ din l-ittra uffiċjali kien hemm it-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u tal-ispejjeż li nħadmet u li nħarġet mit-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (ara paġna 26 tal-atti tal-kawża), kif ukoll it-taxxa addizzjonali dwar l-ispejjeż doppji kif ordnat

mill-Qorti tal-Appell (ara paġna 27 tal-atti tal-kawża);

18. Skont it-taxxa addizzjonali, S.C. Holdings Limited kellha tħallas żejjed is-somma ta' €7,616.53. Din is-somma hija maqsuma hekk: €7,096.94 dwar l-ewwel appell tal-15 ta' April, 2014 u €519.59 dwar it-tieni appell tal-14 ta' Frar, 2020;

19. Fit-3 ta' Diċembru, 2021 tressqet imbagħad din l-azzjoni ta' ritassa min-naħa tal-kumpannija S.C. Holdings Limited (ara paġni 1 sa 3 tal-atti tal-kawża);

***Konsiderazzjonijiet***

20. Din hija azzjoni taħt l-**artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex it-taxxa addizzjonali maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali dwar l-appell ***Aquilina Properties Limited v. S.C. Holdings Limited (Rik. Nru. 684/09JZM)*** terġa' tinħadem u tinħareġ mill-ġdid;

21. F'għajnejn il-liġi t-taxxi tal-ispejjeż u tad-drittijiet ġudizzjarji huma meqjusa bħala titlu eżekuttiv (ara **artikolu 253 (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u għalhekk fuq is-saħħa tagħhom jistgħu jinħarġu l-mandati eżekuttivi;

22. Kif ingħad f'għadd ġmielu ta' sentenzi, l-intaxxar tar-reġistru tal-qorti u tad-drittijiet tal-avukati u tal-prokuraturi legali mhuwiex att tal-qorti iżda huwa att amministrattiv imwettaq mir-Reġistratur (ara fost oħrajn ***Giovanni Galea v. Concetta Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 1920, ***Lewis Borg v. Avv. Dr. Giuseppe V. Salomone*** deċiża mill-Prim' Awla, Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar, 1960 u ***Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Żammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 2009);

23. Dan id-dmir ta' intaxxar, li l-liġi tqiegħed fuq spallejn ir-Reġistratur, titfa' fuqu responsabbiltà li jimxi kif titlob il-liġi u li jinqeda bid-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġonevoli u xieraq. Bħalma tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***L-***

***Avukat Dottor William Cuschieri v. Direttur, Qrati Ċivili u Tribunal et*** maqtugħa fl-14 ta' Diċembru, 2018, jaqa' fuq ir-Reġistratur tal-Qorti li jintaxxa l-ispejjeż u d-drittijiet ġudizzjarji skont il-liġi u b'imparzjalità mingħajr ma jagħti qies ta' kwalunkwe pressjoni li jistgħu jittantaw jeżerċitaw il-partijiet li jitolbu dik it-taxxa;

24. Naturalment jista' jaħbat il-każ li xi parti f'kawża jew xi avukat jew prokuratur legali ma tkunx qiegħda taqbel mal-mod ta' kif ir-Reġistratur tal-Qorti jkun ħadem din it-taxxa. Meta jiġri hekk ir-Reġistratur tal-Qorti jista', jekk jaċċetta li t-taxxa tassew inħadmet minnu b'mod ħażin, li jbiddel dik it-taxxa minn jeddu u joħroġ waħda ġdida mingħajr ma joqgħod jistenna li ssir kawża ta' ritassa;

25. Kemm hu hekk, il-Qorti tal-Appell saħqet fis-sentenza ***Aldo Laferla et v. Francis Scicluna et*** deċiża fid-29 ta' Mejju, 1998, li r-Reġistratur tal-Qorti għandu l-fakoltà jemenda taxxa minnu rilaxxjata jekk jinduna li fiha kien hemm xi żball;

26. Aktar ċara kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Frances sive Franca Camilleri v. Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta et*** deċiża fl-1 ta' Lulju, 2013 meta qalet li jekk kemm-il darba r-Reġistratur jintebaħ li jkun intaxxa b'mod ħażin,

> *«ma hemm xejn x'iżommu milli jibdel minn rajh ukoll taxxa maħruġa ħażin (jiġifieri mhux b'ħarsien ta' dak li trid il-liġi) b'oħra magħmula kif imiss bla ma joqgħod jistenna li tkun xi qorti li tordnalu b'sentenza li jagħmel dak li messu sar mill-ewwel»;*

27. Jekk iżda r-Reġistratur tal-Qorti jagħżel li jħalli jew iżomm it-taxxa kif inhi, dak li jkun, għandu rimedju taħt l-**artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jitlob lill-qorti tistħarreġ jekk dik it-taxxa nħadmitx sew jew le;

28. L-għan wara d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tar-Reġistratur tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet (ara ***Speranza Gatt et v. Avukat Dott. Albert Libreri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2010);

29. Għalhekk meta jkun hemm xi tilwima dwar l-intaxxar magħmul mir-Reġistratur tal-Qorti, l-azzjoni għar-ritassa trid issir quddiem il-qorti (ara ***Debono v. Muscat*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 1904, ***Avukat Dr. Spiridione Camilleri et v. Avukat Dr. Edgar Buħaġiar noe et*** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Novembru, 1961 u ***Emanuel Buttiġieġ noe et v. Anthony Cauchi pro et noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Lulju, 2004);

30. Id-deċiżjoni finali mogħtija mill-qorti, li taqta' azzjoni ta' ritassa, m'għandhiex issir fil-forma ta' digriet iżda għandha ssir fil-forma ta' sentenza (ara ***L-Avukat Dottor Mario Scerri v. Reġistratur tal-Qorti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru, 2009 u ***Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Żammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 2009);

31. Tajjeb li jingħad ukoll li l-intaxxar imwettaq mir-Reġistratur tal-Qorti huwa meqjus bħala għemil amministrattiv. Minħabba f'hekk, kawża ta' ritassa quddiem qorti ġiet imxebbħa ma' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għaliex xogħol il-qorti f'azzjoni ta' ritassa, bħal f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, mhuwiex dak li tieħu post ir-Reġistratur tal-Qorti u toħroġ taxxa ġdida minfloku iżda xogħlha huwa biss li tifli u tistħarreġ jekk ir-Reġistratur tal-Qorti nqediex sew bis-setgħat u bid-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi meta ħareġ dik it-taxxa;

32. F'każ għalhekk li xi parti jseħħilha turi lill-qorti li hemm raġunijiet tajba biex twarrab it-taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-qorti għandha setgħa biss li tordna lill-istess Reġistratur biex jaħdem u joħroġ dik it-taxxa mill-ġdid;

33. Kif tajjeb ħafna poġġietha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Avukat Dottor Anthony Cutajar et v. Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża fit-2 ta' Marzu, 2018,

> *«F'azzjoni simili, il-Qrati tagħna għandhom jillimitaw ruħhom li jeżaminaw il-kriterji adoperati mir-Reġistratur tal-Qorti sabiex tiddetermina jekk dawn humiex skont il-liġi. Il-Qorti trid tagħmel eżami dwar jekk id-Direttur intimat użax id-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġjonevoli u skont il-liġi. Il-Qorti, f'tali ċirkustanzi, f'tali azzjoni tista'*

*se mai biss tordna lid-Direttur intimat appellat li jaħdem it-taxxa uffiċjali mill-ġdid, wara li jieħu kont tal-provvedimenti ritenuti relevanti fil-liġi»;*

34. Illi biex taxxa tista' tiġi mwaqqa' b'suċċess hemm bżonn li jinġiebu raġunijiet sodi u konvinċenti (ara ***Avukat Tonio Borġ nomine vs. Aġent Reġistratur tal-Qrati et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar, 1994) u dan il-piż tal-prova jaqa' fuq min qiegħed jallega li t-taxxa nħadmet ħażin (ara ***Isabelle Micallef v. Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019);

35. Element importanti ieħor li hemm bżonn li jiġi mħares biex azzjoni ta' ritassa taħt l-**artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tkun tista' tiġi meqjusa, huwa dak li din l-azzjoni trid titressaq fi żmien xahar;

36. Dan iż-żmien ta' xahar huwa meqjus bħala żmien ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, b'dan għalhekk li dan iż-żmien la jista' jiġi mtawwal u lanqas imġedded (ara ***Anthony Camilleri pro et noe et v. Reġistratur tal-Qorti ta' Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017);

37. Skont l-**artikolu 64**, dan iż-żmien ta' xahar għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa; filwaqt li għad-debitur, dan ix-xahar jibda għaddej minn dakinhar li huwa jiġi regolarment notifikat bit-taxxa permezz ta' att ġudizzjarju;

38. Huwa jedd ta' kull parti interessata li tattakka t-taxxa fi żmien imsemmi fil-liġi u kemm-il darba dak iż-żmien jgħaddi mingħajr ma jittieħdu l-proċeduri msemmija, it-taxxa ssir titlu eżekuttiv u din ma tkunx tista' tiġi kkontestata aktar (ara ***L-Avukat Georgine Schembri v. Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 2021);

39. Billi ż-żmien biex wieħed jikkontesta t-taxxa huwa wieħed qasir ħafna, il-ġurisprudenza tagħna stabbiliet li parti ma tistax tiġi mixlija li ressqet il-kawża

b'mod bikri għaliex qabdet u fajret l-azzjoni għar-ritassa qabel ma' din ma mqar tkellmet mar-Reġistratur tal-Qorti biex forsi jirranġa t-taxxa;

40. Fil-fatt ġie mtenni li t-tressiq tar-rikors għar-ritassa hija proċedura ta' ċerta urġenza u għalhekk din ma tippermettix it-teħid ta' ħafna żmien f'diskussjonijiet biex tiġi aġġustata taxxa diġà maħruġa u ċirkolata (ara ***Albert Bezzina Wettinger v. Reġistratur tal-Qorti et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju, 2003);

41. Dan iġibna għall-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** li tressqet mill-intimati kollha, ħlief għar-Reġistratur tal-Qorti, fejn fit-tweġiba tagħhom għal dina l-kawża qegħdin jgħidu li l-kumpannija rikorrenti jeħtiġielha turi li hija ressqet din il-kawża ta' ritassa fi żmien xahar kif trid il-liġi;

42. Fil-każ tagħna l-kumpannija rikorrenti hija meqjusa bħala l-parti midjuna (debitriċi) għaliex hija l-parti li trid tħallas it-taxxa. Għalhekk skont l-**artikolu 64** fuq imsemmi ż-żmien ta' xahar kellu jibda min-notifika tat-taxxa b'att ġudizzjarju (ara ***Paolo Schembri v. Rosina Bonniċi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Ġunju, 1953);

43. Mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-kumpannija rikorrenti ġiet notifikata bit-taxxa permezz ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Ottubru, 2021, li ġiet notifikata lilha fit-3 ta' Novembru, 2021. Il-kawża saret fit-3 ta' Diċembru, 2021;

44. Illi, kif jgħid u jrid l-**artikolu 102 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien. Din id-dispożizzjoni tal-liġi tirrifletti l-prinċipju Latin li, *dies a quo non computatur in termine* (ara ***Lawrence Bordieri et nomine et v. Anne Marie Aquilina et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011);

45. Ifisser dan li ladarba skont l-**artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** x-xahar biex issir il-kawża ta' ritassa jibda mill-ġurnata tan-notifika tal-att ġudizzjarju, allura

l-jum tat-3 ta' Novembru, 2021 (id-data ta' meta saret in-notifika tal-ittra uffiċjali f'dan il-każ) m'għandux jingħadd fiż-żmien. Għalhekk f'dan il-każ ix-xahar kien jibda mill-4 ta' Novembru, 2021 u kien jagħlaq fit-3 ta' Diċembru, 2021;

46. Kif ingħad il-kawża tal-lum tressqet minn S.C. Holdings Limited fit-3 ta' Diċembru, 2021 u għalhekk fi żmien xahar li trid il-liġi;

47. Din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar iż-żmien li fiha saret din il-kawża għalhekk tinsab megħluba;

48. Il-qorti tista' tgħaddi issa biex tqis il-**<u>mertu</u>** tal-ilment tal-kumpannija rikorrenti;

49. L-intimata Aquilina Properties Limited u l-intimati avukati Vella, Żammit Paċe u Paċe Gouder qalu fit-**<u>tieni eċċezzjoni</u>** tagħhom li huma kienu qegħdin iħallu f'idejn din il-qorti biex tiddeċiedi dwar jekk hemm każ ta' żball fl-intaxxar; basta però li huma m'għandhomx jeħlu spejjeż ta' din il-kawża;

50. Min-naħa l-oħra, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ħass li kellu jiġi jaqa' u jqum minn din il-kawża u fil-fatt huwa mhux biss għażel li ma jweġibx għal din il-kawża iżda lanqas biss dehrlu li kellu għalfejn jibgħat avukat biex isegwi din il-kawża. Imġiba bħal din ma tagħmillux wisq ġieħ, anzi tpoġġih f'dell ikrah ħafna għaliex ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali suppost għandu jagħti l-eżempju billi jieħu sehem f'kawżi ġudizzjarji li jkun involut fihom u mhux jinjorahom;

51. F'kull każ, meta Charmaine Buġeja, Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġiet imħarrka mill-kumpannija rikorrenti biex tixhed fis-7 ta' Frar, 2022, dwar il-mod ta' kif inħadmet it-taxxa addizzjonali kkontestata f'din il-kawża, hija stqarret li huwa minnu li t-taxxa addizzjonali f'dan il-każ inħadmet kemm fuq l-ewwel appell tal-15 ta' April, 2014, kif ukoll fuq it-tieni appell tal-14 ta' Frar, 2020;

52. Madankollu l-istess xhud ma kinitx f'qagħda li tgħid għaliex f'din it-taxxa

addizzjonali ttieħed kont ukoll tal-ispejjeż relatati mal-ewwel appell. Dan minħabba li din it-taxxa ma nħadmitx minnha personalment iżda minn ħaddieħor, x'aktarx Antonella Cassar;

53. Din il-qorti, bla ma tieħu aktar ħin fuq dan il-każ, temmen li huwa ċar li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma ħadimx sew din it-taxxa addizzjonali. Kif tajjeb tgħid il-kumpannija rikorrenti, il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' April, 2021 ordnat li l-kumpannija S.C. Holdings Limited kellha tħallas biss għal darbtejn l-ispejjeż ġudizzjarji li jolqtu t-tieni appell tal-14 ta' Frar, 2020 u mhux ukoll l-ispejjeż li jolqtu l-ewwel appell tal-15 ta' April, 2014;

54. Jiġi b'hekk, li t-taxxa addizzjonali maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fl-ammont sħiħ ta' €7,616.53 inħadmet b'mod ħażin għaliex din tgħodd fiha l-ispejjeż ġudizzjarji li jmissu mal-ewwel appell tal-15 ta' April, 2014 u li dwarhom il-Qorti tal-Appell ma tat l-ebda kundanna skont l-**artikolu 223(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jitħallsu minn S.C. Holdings Limited għal darbtejn;

55. Il-kumpannija rikorrenti għalhekk għandha raġun titlob biex it-taxxa addizzjonali maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tiġi mħassra u tinħareġ mill-ġdid. Naturalment dan kollu bi spejjeż għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għaliex kien hu li ħadem it-taxxa addizzjonali b'mod ħażin;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **<u>tilqa'</u>** t-talbiet kollha tal-kumpannija S.C. Holdings Limited fis-sens li t-taxxa addizzjonali dwar l-ispejjeż ġudizzjarji tal-appell ***Aquilina Properties Limited v. S.C. Holdings Limited (Rikors Maħluf Numru 684/2009JZM)*** għandha tinħadem u tinħareġ mill-ġdid mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, b'dana li l-ispejjeż marbuta mal-ewwel appell tal-15 ta' April, 2014 m'għandhomx jitqiesu fit-taxxa addizzjonali l-ġdida, ladarba l-Qorti tal-Appell ma ordnatx li għandu jsir ħlas doppju dwarhom iżda ordnat li

għandu jsir ħlas doppju biss fir-rigward tat-tieni appell tal-14 ta' Frar, 2020.

L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali;

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**